# AVVIŻI

1. Il-Laqgħat ta' Talb li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 7 ta' Jannar 2001 fit-3.00 p.m.
   Il-Ħadd 21 ta' Jannar 2001 fit-3.00 p.m.
   Il-Ħadd 4 ta' Frar 2001 fit-3.30 p.m.
   Il-Ħadd 18 ta' Frar 2001 fit-3.30 p.m.
   Il-Ħadd 4 ta' Marzu 2001 fit-4.00 p.m.
   Il-Ħadd 18 ta' Marzu 2001 fit-4.00 p.m.
   Il-Ħadd 1 ta' April 2001 fit-5.30 p.m.
   Il-Ħadd 15 ta' April 2001 fit-5.30 p.m.

   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalja dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat.

3. Inheġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri c/o 16, St. James Street, Siġġiewi.

4. Min hu interessat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.

   Internett address: http://www.elanguest.com/girgenti/

5. Nhar is-Sibt, 28 ta' Ottubru 2000, jaħbat ir-raba' Anniversarju tal-mewt ta' Ġuża Mifsud, fundatriċi tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Ser tiġi ċċelebrata quddiesa b'suffraġju għal ruħha fil-knisja Arċipretali tas-Siġġiewi, dak inhar stess fil-5.15 p.m.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 44 OTTUBRU 2000 JITQASSAM BLA ĦLAS

## ĠUŻA MIFSUD ERBA' SNIN MINN MEWTHA



Diġà għaddew erba' snin mill-mewt ta' Ġuża Mifsud li ġrat fit-28 ta' Ottubru 1996. Qisu l-bieraħ u bir-raġun, għax aħna li konna nafuha għadna nħossuha magħna l-ħin kollu. Għal min ma jafx kif seħħet il-mewt tagħha u ma kienx preżenti għall-funeral, ser inġib fil-qosor il-ġrajjiet ta' dawk il-jiem: jiem ta' niket għalina iżda ta' ferħ u glorja għal-għażiża Ġuża.

Nhar it-28 ta' Ottubru 1996, Ġuża għarfet li kien wasal iż-żmien li ma tistax tibqa' d-dar waħedha għax saħħitha kienet marret lura ħafna. Fil-fatt meta xil-11.30 a.m., jiena ċempiltilha biex nara kif inhi, Ġuża weġbitni li tinsab batuta ħafna. Talbitni nċempel lill-Perit Philip Azzopardi, President tal-Kumitat biex dan iċempel lil *Little Sisters of the Poor* sabiex tinġabar magħhom. Meta dan qabel xejn reġa' ċempel lil Ġuża, din qaltlu wkoll biex iċempel lil Lourdes Axisa sabiex din tmur tgħina ftit. Lourdes talbet lil Philip iċempel lili halli mmur għand Ġuża jien ukoll.

Meta jiena wasalt għand Ġuża għal habta ta' nofsinhr u hamsa sibt lil Ġuża fuq fil-kamra tas-sodda qegħda hi stess titkellem bit-telefon ma' Mother Mary tal-*Little Sisters of the Poor*. Meta qatgħu, Ġuża qagħdet ftit ħin iehor, flimkien miegħi, u Lourdes marret id-dar issajjar ftit brodu għal Ġuża fuq talba tagħha stess. Għall-habta tas-2.00 p.m., Ġuża niżlet minn fuq u qagħdet fuq il-pultruna ħdejn l-artal tal-

Madonna. Xis-2.30 p.m. waslet it-telefonata li kkonfermat li l-*Little Sisters* kellhom kollox lest biex jilqgħu lil Ġuża.

Jiena bdejt inċempel lill-qraba ta' Ġuża biex navżhom li Ġuża kienet sejra mal-*Little Sisters*. Sibt id-dar lin-neputija minnhom, Miriam Farrugia li qaltli li dalwaqt tasal wasla s'għand zijitha. Ġuża bdiet tgħidli fejn qegħdin l-affarijiet li kienet ser tieħu magħha, inklużi żewġ inkwadri tal-Madonna, wieħed għall-kamra tagħha u ieħor għas-*Sisters*. Sadanittant waslu kemm Lourdes u anke Miriam.

Għat-3.30 p.m. Ġuża marret fir-remissa (kamra fil-ġenb) filwaqt li jiena, Lourdes u Miriam konna fil-kċina. Smajna ħoss, u meta dħalna fir-remissa sibna lil Ġuża ma' l-art mitlufa minn sensiha. Meta ġiet f'tagħha tellgħajnieħa fuq is-sodda u fil-frattemp ċempilna għall-ambulanza u t-tabib tagħha. Meta wasa Dr. Fenech, dan qalilna biex infittxu nġibu qassis, għax Ġuża kienet fl-aħħar mumenti. Il-qassis, Dun Danjel Schembri laħaqha meta kienet qegħda tieħu l-aħħar nifsijiet. Ġiet iċċertifikata mejta fl-3.45 p.m. u l-kawża tal-mewt ġiet ddikjarata bħala "*Cerebral Embolism*".

Flimkien mat-tħejjijiet normali tal-funeral intalab ukoll permess lill-Arċipriet Fr. Richard Borg sabiex Ġuża l-għada tkun esposta fil-kappella ta' San Ġwann li hemm fil-pjazza tas-Siġġiewi. Fil-fatt hekk ġara bil-permess ta' l-Arċisqof Mons. G. Mercieca.

Ħafna nies attendew kemm it-Tlieta kif ukoll l-Erbgħa. Il-Korteo lejn il-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi telaq fit-8.30 a.m. u fid-9.00 a.m. bdiet il-quddiesa ikkonċelebrata minn Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Emeritus, flimkien ma sittax-il saċerdot ieħor.

Waqt l-omelija, Mons. Carmelo Xuereb qal hekk: "Meta nhar it-Tnejn li għadda, 28 ta' dan ix-xahar waslitli l-aħbar tal-mewt ta' oħtna Ġuża, dlonk ġieni quddiemi l-kwadru li jinsab fil-Kurja ta' l-Arċisqof fil-kappella ta' San Kalċedonju impinġi minn Antonio Favrey, wieħed mill-pitturi kbar li kien hawn hawn Malta, pittura li tirrappreżenta l-mewt tal-patrijarka San Ġużepp. Pittura li turi s-serenità, il-kalma li biha San Ġużepp għadda minn din id-dinja għall-oħra, min-naħa Ġesù u min-naħa l-oħra l-Gran Verġni Marija. U dan il-kwadru ġieni quddiemi għaliex hekk hija l-mewt tal-qaddisin. Il-mewt tal-qaddisin hija serena, hija kalma, hija fil-paċi, jafu li ser imorru f'dar il-Missier tas-sema għaliex aħna ma għandniex għamara hawn li tibqa' għal dejjem imma aħna pajżani tas-sema pajjiżna ...

"Ġuża kompliet sa l-aħħar bis-serenità kollha tistenna l-ġurnata li fiha, il-mument li fih kellu l-Mulej isejħilha għal ħdanu, tant li dik il-ġurnata stess filgħodu kienet qegħda tifhem illi s-saħħa qegħda tħalliha bil-mod il-mod, li ma kienx iżjed il-mument li tibqa' waħedha u kienet qegħda tipproġetta biex tmur f'dar ta' l-anzjani, u proprju meta kienet qegħda tipproġetta biex tmur f'dar ta' l-anzjani qisu l-Mulej riedha tibqa' f'darha, proprju meta ser tmur il-Mulej sejħilha għal ħdanu, imma hi laqgħet il-mewt bl-akbar serenità, u hija ħaġa ovvja, għaliex Ġuża ma



kellhiex rabtiet mad-dinja. Il-qaddisin ma jkollhomx rabtiet mad-dinja, m'hu ser iħallu xejn warajhom ...

"Imma rridu jew ma rridux meta tiġi l-mewt, meta tiġi biex taħsadna minn din il-ħajja, aħna rridu nbaxxu rasna għall-ordni tagħha. Għalhekk il-qalb tagħna rridu noqogħdu attenti li ma nħalluha tintrabat ma' xejn, tintrabat ma' Alla, tintrabat mal-Madonna u dawn ir-rabtiet li kellha Ġuża, ir-rabta ma' Alla. Niftakar li madwar tlettax-il sena ilu fis-sena 1987, kont Vigarju l-Kurja, Ġuża ġiet flimkien ma' Monsinjur Grima biex tarani u biex naturalment naqħti s-siġill uffiċċjali tad-dehriet li kellha mill-Madonna, li kienet tallega li kellha mill-Madonna. Dan ma stajtx nagħmlu jien, dan ma tistax tagħmlu l-Knisja. Il-Knisja l-proċedura tagħha hija proċedura ta' eżami rqiq, ta' eżami fin qabel ma tasal għad-deċiżjonijiet tagħha. Però, jiena għedtilha biex tkompli tkabbar in-numru ta' dawk l-erwieħ li jridu jitqaddsu, jersqu lejn Ġesù permezz ta' Marija Santissima. Ħarġet hi u kellimni Mons. Grima waħdi u qalli: 'Ilni ħafna niddiriġi erwieħ, imma ruħ mistika bħalma kienet ta' Ġuża, bħalma hi ta' Ġuża qatt ma ltqajt magħha.' Kellu din l-idea sublimi ta' din ir-ruħ marbuta intimament ma' Alla, marbuta kompletament u intimament mal-Mulej ...

"Bħalma kellha rabta kbira ma' Ġesù, Ġuża kellha rabta kbira ma' Ommna Marija Santissima, u lkoll aħna xhieda ta' kemm mexxiet id-devozzjoni, ta' kemm ħabirket biex l-erwieħ jikkonsagrw irwieħhom lill-Marija Santissima u permezz tal-Madonna lil Ġesù, għaliex dan huwa t-tagħlim tal-Knisja, *ad Jesum per Mariam*, għal għand Ġesù permezz tal-Madonna.

Ilum ċerti li tinsab ħdejn il-Madonna. J'Alla tiġi l-ġurnata li flimkien, bħal Ġuża, għaliex inkunu ħabbejna lil Marija Santissima ningħaqdu magħha u mal-qaddisin fis-sema, fejn Alla l-imbierek ikun il-feliċità tal-qalb tagħna għal dejjem. Hekk ikun."

Ġuża ġiet midfuna f'qabar għaliha (nru. 265) fiċ-Ċimiterju tal-Madonna tal-Karmnu fis-Siġġiewi.

F'dawn l-erba' snin is-siġra li ħawlet Ġuża kompliet tagħti l-frott. Il-laqgħat ta' talb li kienu jiġu organizzati l-Girgenti minn Ġuża baqgħu isiru b'mod regolari. Huwa ta' nkoraġġiment kbir li n-nies baqgħu jattendu dawn il-laqgħat u li kull ma jmur l-attendenza dejjem qed tiżdied. Dan huwa sinjal tajjeb għaliex kull min kien u għadu jitla' l-Girgenti ma kienx jagħmel dan għal Ġuża imma verament biex jagħti tifħir lil Alla permezz tal-Madonna. Ħafna nies jitilgħu jifthu qalbhom mal-Madonna sabiex tinterċedi għalihom mal-Mulej u taqlagħlhom il-grazzji li jkollhom bżonn, grazzji kemm materjali kif ukol spiritwali.

Bħalma f'ħajjitha kienet titlob ħafna għalina jiena ninsab ċerta li hi qegħda tkompli titlob sabiex, barra li naqilgħu l-grazzji li għandna bżonn f'din id-dinja u nakkwistaw postna fil-Ġenna, il-messaġġ tal-Girgenti jkompli dejjem aktar jinxtered u jħalli l-frott mad-dinja kollha.

**Sylvana Spiteri LL.D**

# OTTUBRU – IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

## *(Siltiet mid-diskorsi ta' Ġuża Mifsud)*

Issa li qegħdin fix-xahar qaddis u sabiħ ta' Ottubru, ngħidilkom li f'kollox għandna nġibu quddiem għajnejna l-imħabba tal-Kbir Alla, ta' Ġesù u tal-Madonna. Aħna dejjem fid-dover li nitolbu lill-Mulej u lill-Madonna imma f'dan ix-xahar għandna bżonn li nitolbu ħafna u ħafna.

Nitolbu lill-Mulej Ġesù u lill-Madonna biex tressaqna aktar lejn is-sema pajjiżna. Ix-xahar ta' Ottubru huwa verament tal-Madonna, ix-xahar tar-rużarju u ma għandniex f'dan ix-xahar nikkuntentaw biss b'ħames posti tar-rużarju. Jekk jista' jkun ngħidu anke r-rużarju tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja kuljum.

# NOVEMBRU – IX-XAHAR TA' L-ERWIEĦ

## *(Siltiet mid-diskorsi ta' Ġuża Mifsud)*

... nippreparaw għal dan ix-xahar qaddis u kbir li ġej, ix-xahar ta' Novembru. Hemm il-festa tal-qaddisin kollha u mbagħad hemm l-għid ta' l-imwiet li dawn l-erwieħ qegħdin jippurifikaw l-għemil tagħhom, il-ħtijiet tagħhom, biex imorru fis-sema pajjiżhom. Dawna l-erwieħ kollha rawh lill-Mulej Ġesù Imħallef biex jagħmel ġustizzja minnhom. Min jaf kemm ħniena għamel ma' dawn l-erwieħ kemm Hu u kemm l-Omm Tiegħu Marija minħabba dik id-devozzjoni li kellhom lejn il-Madonna rigward tar-rużarju u tal-quddies. Meta kienu ħajjin kienu jmorru għal dak il-quddies qaddis u sabiħ li bih huma tqaddsu. Min jaf il-Mulej Ġesù meta deher ta' Mħallef fuqhom dawk l-erwieħ tal-purgatorju, kemm tahom bxajjar sbieħ ta' dak il-quddies speċjalment waqt il-konsagrazzjoni tas-saċerdot li jikkonsagra l-ostji biex imbagħad imorru jitqarbnu. Min jaf kemm kienu jirċevuh eżatt lil Ġesù ta' l-Ewkaristija! U għalhekk dan ix-xahar ta' Novembru huwa xahar imbierek, għaliex huwa ix-xahar tal-qaddisin kollha u x-xahar ta' l-għid ta' l-imwiet. Dan ix-xahar huwa imbierek għall-erwieħ għax kulħadd jitlob għall-erwieħ tal-purgatorju ...

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

1. **Ritienne mill-Gudja kitbet hekk:**
Jiena Ritienne qed nikteb biex nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud ta' dak kollu illi għamlu miegħi f'disa' xhur tqala. Kelli tqala tajba ħafna u ħlas tajjeb, nirringrazzjahom minn qiegħ qalbi. Kelli tifel li ħa nsemmieh Aidan Luke. Ringrazzjament jasal ukoll mingħand missier Aidan Luke, Jean Pierre. Aħna devoti ħafna tal-Madonna. Nagħlaq billi nħeġġeġ lil kulħadd biex dejjem jitolbu lill-Madonna u lil binha Ġesù flimkien ma' San Ġużepp u l-qaddisin l-oħra. Grazzi ommi Marija.

2. **N.N. miż-Żurrieq kitbet dawn il-grazzji li qalgħet mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni:**
Waqt quddiesa privata li kienet saret fid-dar ta' Ġuża, oħti kienet qalet lil Ġuża biex tilob għal oħtha l-oħra għax għandha bżonn it-talb. L-għada ta' din il-quddiesa irċevejna r-riżultat tal-*biopsy* li oħti kienet għamlet xi tliet ġimgħat qabel. Irriżulta li kienet marida b'ċertu tip ta' *cancer* u li kellha tmur tieħu l-kimoterapija. Wara t-tielet ġimgħa li oħti bdiet tagħmel il-kimoterapija marret għand Ġuża u meta oħti l-marida qaltilha biex titlob għaliha, Ġuża weġbitha li m'għandha xejn. Infatti wara li ħadet il-minimu ta' l-injezzjonijiet tal-kimoterapija, oħti għamlet progress kbir u llum hija mfejqa. Grazzi Mulej, grazzi Marija.

Waħda mill-membri tal-familja tiegħi kellha felula fuq imnieħirha. Jiena għedtilha biex tagħmel ftit ilma tal-Madonna tal-Girgenti iżda din il-persuna qaltli li ma tridx tagħmel ilma mbierek għax tibża' li tniġġiżha. Allura ddeċidejt li nagħmel ftit ilma tal-Madonna tal-Girgenti fuq imnieħri u għedt talba lil Alla u lill-Madonna biex din il-felula tmur. Wara nofsinhar stess waqt li kont fuq ix-xogħol, oħti ċemplitli u qaltli li l-felula kienet waqgħetilha. Hi ma kinitx taf li jiena għamilt l-ilma mbierek fuq imnieħri imma wara għedtilha kollox.

Mhux l-ewwel darba li meta jkollna xi mard nagħmel ilma fuq moħħi, fuq fommi u fuq qalbi u ngħid it-talba: "Ġesù f'moħħi, Ġesù f'fommi, Ġesù f'qalbi" u wara ngħid talba lill-Madonna għaliex il-grazzji jiġu minn Ġesù permezz ta' Marija. Rajt ħafna fejqan bis-saħħa ta' dan l-ilma tal-Madonna tal-Girgenti.

Hija kellu infezzjoni fuq il-pali ta' saqajh u dam ħafna jagħmel ċertu ingwent mingħajr ebda effett. Darba jiena għedtlu biex jagħmel ftit ilma tal-Madonna u wara li għamel ftit minn dan l-ilma, beda jara progress u wara ġimgħa kien imfejjaq.

Zija anzjana kellha sogħla qawwija u kont niddejjaq nismagħha tisgħol. Darba tajtha ftit ilma tal-Madonna tal-Girgenti u minn l-għada ma sogħlitx iżjed.

**P. Mifsud mill-Ħamrun kitbet hekk:**

Kien it-28 ta' Ġunju 2000, meta qomt b'għajni mdemma u għalhekk għamilt appuntament għand speċjalista ta' l-għajnejn. Dan invistani fl-4 ta' Lulju fejn għarrafni li kienet inqatatli vina minn għajni. Ried jarani l-isptar biex jagħmilli xi testijiet fejn irriżulta li d-dema waqatli fuq il-ħabba t'għajni. Għarrafni li laser ma setax jagħmilli u għamluli appuntament ieħor ma' speċjalista Amerikan fuq ir-retina ta' l-għajn. Dan qalli li hemm bżonn ta' operazzjoni għaliex għajni kienet imxaqqa u jipprova isalvali din għaliex jaf jiġrili l-istess fl-għajn l-oħra. Id-deċiżjoni jekk kellhiex issir l-operazzjoni jew le kellha tiġi diskussa ma' Professur ieħor u għalhekk jien kelli nerġa' mmur l-isptar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2000 biex jerġgħu jinvistawni. Sa dan it-tant jien bqajt nitlob lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u kollega tiegħi tax-xogħol ġabli l-ilma mill-Girgenti biex jiena inxarrab għajnejja bih. Il-Ħadd 16 ta' Lulju, jiena tlaqt lejn il-Girgenti, it-triq ma stajtx insibha iżda jiena tlabtha lill-Madonna biex turini t-triq għaliex jiena dik il-lejla għandha ridt immur. It-triq ma domtx ma sibtha u hekk kif inżilt mill-karozza smajt il-ġemgħa li kien hemm miġbura fis-Santwarju trodd is-salib u bdejt ngħid ir-rużarju magħhom. Lill-Madonna tlabtha biex tiskansni mill-operazzjoni. Wara li għedna r-rużarju bqajt nitlob waħdi. Ma kontx għadni fiqt iżda l-paċi li kien hemm fija m'hemmx kliem biex infissirha u ma stajtx nieqaf nitlob. Waqaft għaliex kien qed jidlam u peress li ma kontx qegħda nara minn għajn waħda ridt nirritorna d-dar qabel ma jidlam għaliex kelli nsuq.

Kien sewwa sew it-Tnejn 17 ta' Lulju 2000 meta filgħaxija qabel ma tlajt norqod bdejt ngħid ir-rużarju, u wara l-ewwel posta għamilt ftit ilma fuq il-kappell ta' għajni. F'Daqqa waħda qabadni ħruq kbir u bejni u bejn ruħi jien għedt, "Dan kif qegħda taħraqni għajni. Dan ilma mirakuluż tal-Madonna. Ġid biss jista' jagħmilli mhux deni." Meta jiena naħsel wiċċi bl-ilma tal-vit xejn ma nħoss. Komplejt ngħid ir-rużarju u lanqas ilħaqt temmejt l-Ave Marija li kien imiss meta l-ħruq waqaf f'daqqa. Jien komplejt nitlob.

L-għada filgħodu kien imissni mmur l-isptar biex jiġi deċiż jekk l-operazzjoni kinetx ser issir jew le minħabba li kellha tkun operazzjoni perikoluża u b'kumplikazzjonijiet.

It-Tlieta 18 ta' Lulju 2000 jiena mort l-isptar. Staqsewni jekk il-vista tiegħi kinitx ftit aħjar. Jiena ħassejtni li bdejt nara u hekk għedt, iżda l-Professur ried jinvistani mill-ġdid. Qalli li d-demgħa kienet imxiet minn fuq il-ħabba għall-ġenb ta' għajni u qalli, "Għajnek qegħda tfieq waħedha." Kelli ngħaddi għand it-tieni speċjalista barrani (speċjalista fuq il-ħabba ta' l-għajn). Dan invistani bl-apparat li ġab miegħu mill-Amerka u qalli dan il-kliem, *"I am glad for you. Your eye has healed. God bless you."*



Jiena dan inqisu bħala miraklu u b'din it-testimonjanza nixtieq inwassal dan il-messaġġ: Itolbu, dejjem qegħdu lil Alla qabel kollox f'ħajjitkom – GĦALIH KOLLOX POSSIBBLI.

**R. Farrugia kitbet:** Nirringrazzja lil Alla tal-grazzja li qlajt. Permess ta' Ommu Marija ser ikollna tarbija. Grazzi lill-Madonna tal-Girgenti.

**C. Debattista kitbet:** Jiena qegħda nikteb biex naqsam magħkom dik li nqisha bħala grazzja kbira li qlajt mingħand il-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tlabt ukoll lil Ġuża Mifsud.

Il-kas ġara hekk: F'Jannar li għadda oħti mardet serjament u b'konsegwenza ta' dan moħħha ma bediex jaħdem sewwa. Kienet waslet fi stat li t-tabib qalilna li m'hemmx soluzzjoni oħra ħlief li noħduha fi sptar tal-moħħ. Aħna ma xtaqniex li dan iseħħ, iżda mill-banda l-oħra kienet ta' piż kbir għalina.

Ġurnata minnhom kont tant imdejqa aktar mis-soltu. Ġie f'idejja il-fuljett *Leħen il-Girgenti*. Tlabt bil-qalb lil Ġuża Mifsud u wegħedtha li nqassam ħamsin santa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni jekk oħti terġa tiġi normali.

L-għada stess oħti bdiet ġejja għall-aħjar u sal-lum li qegħda nikteb (30/04/2000) ġiet normali għal kollox. Jiena deherli li b'pillola waħda biss li tajtha ma kellhix tiġi tajba mill-ewwel.

## GRAZZI MILL-QALB LIL BRO. VICTOR

Kien bis-saħħa ta' Bro. Victor Privitera li dan il-fuljett kellu l-bidu tiegħu. Sa minn qabel ma kien membru tal-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, Bro. Victor kien jattendi l-laqgħat fil-Girgenti u kien iħoss li dan il-Moviment għandu jkollu l-leħen tiegħu sabiex kemm il-membri kif ukoll il-poplu Malti u Għawdxi jinżamm infurmat b'dak li jkun qed jiġri.

Kien ġie mistieden għal-laqgħa tal-Kumitat sabiex b'mod formali jressaq l-idea tiegħu fil-preżenza ta' Ġuża wkoll. Din l-idea intgħoġbot minn kulħadd u ġie maħtur bħala l-Editur ta' dan il-fuljett.

Għal għaxar snin sħaħ Bro. Victor ħadem bis-sħiħ u b'entużjażmu kbir sabiex kull tliet xhur jippubblika dan il-fuljett. Iżda dan l-aħħar huwa ħass li minħabba raġunijiet ta' età huwa għandu jagħti r-responsabbiltà tiegħu li xi ħadd iżgħar minnu. Madankollu, minkejja li rriżenja mill-kariga tiegħu ta' Editur, huwa xorta ser jibqa' jieħu ħsieb il-*printing* u t-tqassim ta' dan il-fuljett li hu tant għal qalbu.

Grazzi Bro. Victor, grazzi mill-qalb. Inti kont ħafna strumentali sabiex il-messaġġ tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-grazzji li jinqalgħu permezz ta' l-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud jsiru magħrufa. J'Alla dan is-suċċess jibqa' fis-seħħ fis-snin li ġejjin.